# L-AKKADEMJA TAL-MALTI

## Stqarrija għall-istampa

Qed insejjaħ lill-Gvern u lill-Oppożizzjoni biex jibżgħu għall-kunsens li l-Kunsill Nazzjonali tal-Malt irnexxielu jġib fost il-ħaddiema tal-Malti, kif jixhdu l-aħħar 10 snin ta' ħidma. Tant proġetti nħadmu bi sħab bejn id-**Dipartiment tal-Malti**, l-**Akkademja** u l-**Kunsill**, u dan seta' jsir biss għax ilkoll kienu konvinti mill-kwalità għolja tax-xogħol li jagħmlu flimkien. Nistgħu nsemmu l-ktieb li fih ġabra ta' 900 kelma tal-futbol, "Ballun Pinġut", maħdum bejn id-Dip.tal-Malti, il-Kunsill u l-Għaqda tal-Ġurnalisti tal-Isports. Inkella s-sensiela ta' 3 kotba tal-ġeografija "Id-Dinja Darna". Dawn huma kotba tal-iskola għat-3, ir-4 u l-5 klassi. Proġett ieħor sabiħ huwa tas-senjaletika bilingwi fl-isptar. Fejn qabel konna naraw tabelli bl-Ingliż biss, bis-saħħa tal-ftehima tal-Kunsill mal-Ċentru tal-Onkoloġija tal-Mater Dei, issa bdew jitwaħħlu t-tabelli bilingwi. Anki d-dizzjunarju ta' Agius de Soldanis ħareġ bl-appoġġ ġeneruż tal-Akkademja, id-Dipartimenttal-Malti, il-Kunsill u entitajiet oħra.

Flok kompetizzjoni bejniethom, illum insibu l-kollaborazzjoni, u l-laqgħa tal-lum hi xhieda oħra f'waqtha. Anzi, huwa ta' sodisfazzjon li anki d-Dipartiment tal-Malti tal-Junior College, l-Għaqda tal-Malti (Università) u l-Għaqda tal-Qarrejja tal-Provi jinsabu magħna biex jappoġġjawna aħna u niddefendu l-kisbiet tal-aħħar 10 snin.

Mal-Kunsill, il-bieb infetaħ għal kulħadd, u fejn qabel id-diskussjoni u d-deċiżjoni kienu jsiru bejn dawk tal-Malti biss u bil-bibien magħluqa, issa tgħallimna lkoll li rridu nikkonsultaw ma' kulħadd u li kulħadd għandu jipparteċipa. Madwar 80 ruħ kellhom sehem attiv fil-Kunsill. Fid-diskussjonijiet ipparteċipaw ġurnalisti, pubblikaturi, tradutturi, għalliema u uffiċjali tal-edukazzjoni. Il-laqgħat dejjem saru bi spirtu kollaborattiv u aħna qegħdin niddefendu l-proċedura adottata mill-Kunsill Nazzjonali għax, barra li mexxa b'serjetà, mexxa bla sens ta' protagoniżmu. Hawnhekk nixtieqg nirringrazzjaw liż-żewġ persuni li ddedikaw il-ħin prezzjuż tagħhom biex, bla ħlas, iservu ta' presidenti, jiġifieri lill-Prof. Manwel Mifsud

(speċjalistatal-morfoloġija) u lill-Prof. Ray Fabri (speċjalista tas-sintassi), kif ukoll lil ħafna nies ikkwalifikati li ddedikaw ħafna minn ħinhom b'xejn biex jaħdmu fil-Kunsill.

Aħna qegħdin nipprotestaw kontra emendi fil-binja tal-Kunsill tal-Malti li se jdgħajfuh. Għax aħna rridu Kunsill li, filwaqt li jibqa' rappreżentattiv (ħaġa li dejjem qbilna magħha), il-maġġoranza tiegħu tkun magħmula minn membri kkwalifikati. Din hija biss kwistjoni ta' serjetà u akkontabilità. Hekk biss isserrħulna rasna li d-deċiżjonijiet li jieħu l-Kunsill ikunu sodi.

Jekk jgħaddu l-emendi kif inhuma, ma għandniex garanzija li l-kapijiet "tekniċi" se jkunu nies ikkwalifikati fil-Malti. Aħna mħassbin li, fi żmien mhux 'il bogħod, isseħħ il-ħolma ta' ftit persuni ambizzjużi li ilhom jippruvaw jegħlbu r-raġuni u jxandru b'awtorità l-fantasiji tagħhom, persuni li b'xorti ħażina ngħataw mill-Ministeru mhux biss il-wiċċ imma anke preferenza fuq il-Kunsill Nazzjonali mwaqqaf b'vot unanimu fil-Parlament.

Irridu s-serjetà. Ma nkomplux naħlu tant enerġija f'kontroversji li jaħlu l-ħin u f'emendi għal Kunsill li qed jaħdem u jagħti l-frott, emendi li mhumiex meħtieġa u li ma ntalbu minn ħadd, għall-inqas fil-miftuħ.

Intennu li qed nappellaw lill-Ministru biex ma jagħmilx dawn l-emendi li jiżnaturaw il-Kunsill tal-Ilsien Malti, li jiftħuh għal kontroversji bla bżonn u li jheddu li jispiċċa l-kunsens, u li jibdew ireġġgħu lura dak li ilu deċiż. Dan qed ibeżża' lil mijiet ta' għalliema (mhux tal-Malti biss), it-tradutturi, il-kittieba, il-ġurnalisti, il-pubblikaturi, u l-qarrejja tal-provi li kienu ilhom jitolbu ċ-ċertezza u d-deċiżjonijiet fil-Malti u li issa kienu bdew isibuha fil-professjonalità tal-Kunsill. Mhuma fl-interess ta' ħadd l-inċertezzi u l-irwiefen tal-kontroversja.

Onorevoli Bartolo, l-għaqdiet kollha li jaħdmu favur l-ilsien Malti u li huma rappreżentati hawnhekk illum qed jappellawlek bil-qawwa kollha biex tibża' għall-ilsien nazzjonali u ma tħottx dak li l-għaqal u s-serjetà bnew fis-snin li għaddew. Jekk isir dan, aħna mbagħad ma nistgħux nissejħu biex inkunu kompliċi tal-ħsara li tkun saret.

28.11.2016

Dr Olvin Vella
President
L-Akkademja tal-Malti